Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,804, 15 ta' Ġunju, 1999
Taqsima B

A.L. 106 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Engineering fil-Fakulta' ta' l-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Engineering fil-Fakulta' ta' l-Inġinerija.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Inġinerija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Engineering; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Engineering.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda mill-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) b'mill-anqas it-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) b'mill-anqas it-Tieni Klassi bl-Unuri f'suġġetti xierqa kif approvat mill-Bord; jew

(ċ) kwalifiki ekwivalenti approvati mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Il-Kors ta' l-Istudji

4. Il-Kors ikun offrut f'oqsma ta' studju fl-Inġinerija fejn il-Fakulta' tista' toffri gwida esperta u superviżjoni. L-oqsma ta' studju għandhom ikunu indikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

5. Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju mgħallma, li għalihom total ta' mhux anqas minn 24 kredtu għandhom ikunu assenjati, u dissertazzjoni. L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jiksbu l-kredti kollha fil-perijodu stipulat.

Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fuq bażi *part-time*. Jista' jkun offrut fuq bażi *part-time* filgħaxija biss.

7. L-istudenti li jsegwu l-Kors fuq bażi *part-time* għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Katalgu ta' Taqsimiet Studju

8. Il-Bord għandu jħejji l-programm ta' l-istudji għall-Kors u għandu jippublika katalgu ta' taqsimiet studju. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip tat-taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull waħda, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippublika l-katalgu għall-Kors qabel il-bidu tiegħu, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Progress u Valutazzjoni

9. Taqsimiet studju mgħallma għandhom ikunu valutati permezz ta' xogħol matul il-kors u eżamijiet li jsiru fl-aħħar tas-semestru li fihom saru.

10. Bordijiet ta' l-Eżaminaturi għandhom jiġu maħtura għal kull taqsima studju skond il-provvedimenti tar-Regolamenti ta' l-Universita' dwar l-Eżamijiet.

11. L-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom mhux aktar minn tliet kredti huma assenjati għandhom jerġgħu jiġu eżaminati permezz ta' eżami supplimentari *viva voce* mhux aktar tard minn Awissu.

12. L-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom aktar minn tliet kredti huma assenjati jew li jeħlu fl-eżami supplimentari *viva voce* jitqiesu li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

13. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu t-titlu u proposta ta' riċerka għad-dissertazzjoni sa l-aħħar ta' l-ewwel semestru tal-Kors. Tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut għandu jkun approvat mill-Bord.

14. L-istudenti jitħallew jippreżentaw id-dissertazzjoni tagħhom wara li jiksbu it-24 kredtu indikati fir-regolament 5. Id-dissertazzjoni għandha

tikkonsisti f'mhux aktar minn 10,000 kelma u għandha tkun sottomessa sat-tieni ġimgħa ta' Settembru.

15. Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull dissertazzjoni. Id-dissertazzjonijiet m'għandhomx normalment jiġu sottomessi għall-eżami mingħajr l-approvazzjoni tas-superviżur. Jekk il-Bord ta' l-Eżaminaturi jqies li d-dissertazzjoni mhix sodisfaċenti, l-istudent għandu jkun meqjus li weħel mill-Kors.

16. Il-Bord jista jħalli l-istudenti jippreżentaw id-dissertazzjoni fi żmien li jkun determinat minnu, u taħt dawk il-kundizzjonijiet li hu jista' jimponi.

17. Il-Bord għandu jipproponi lis-Senat Bord ta' l-Eżaminaturi għal kull dissertazzjoni. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet eżaminaturi, li wieħed minnhom għandu jkun is-superviżur. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jinkludi wkoll eżaminaturi addizzjonali li jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tiegħu biss sa fejn dawn jikkonċernaw oqsma li fihom huma l-awtorita' esperta.

18. Id-dissertazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-linji ta' gwida rilevanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-format u għandhom jissodisfaw lill-Bord ta' l-Eżaminaturi dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni.

19. L-ebda dissertazzjoni ma għandha tkun aċċettata jekk hija identika fis-sustanza ma' dissertazzjoni diġa' sottomessa għal grad f'din l-Universita' jew f'xi universita' oħra. L-istudenti m'għandhomx, iżda, ikunu preklużi milli jinkorporaw xogħol fuq dissertazzjoni li sar qabel jekk dan ikun meħtieġ għall-preżentazzjoni u l-ftehim aħjar tax-xogħol tagħhom, sakemm li n-natura u l-firxa ta' dan ix-xogħol ikunu indikati ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

20. L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom jew xi materja oħra tal-Kors matul eżami *viva voce*.

21. Tliet kopji tad-dissertazzjoni għandhom ikunu sottomessi għall-eżami. Wara li jiddefendu d-dissertazzjoni b'suċċess, l-istudenti huma meħtieġa

jissottomettu żewġ kopji tagħha bil-qoxra iebsa, waħda minnhom għandha tiġi depositata fil-Librerija ta' l-Universita' u l-oħra fil-librerija tad-dipartiment ikkonċernat.

Ir-Riżultati

22. (1) Ir-riżultati għandhom iqisu il-livell milħuq mill-istudenti fit-taqsimiet studju u fid-dissertazzjoni, li għandu jkollhom il-piż kif ġej:

Taqsimiet studju	75%
Dissertazzjoni	25%

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom jiġu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.